

Brussell, 24 ta' Frar 2023  
(OR. en)

6431/23

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0377(COD)

---

---

CODEC 191  
EF 49  
ECOFIN 149

### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2015/760 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-assi u l-investimenti eliġibbli, ir-rekwiżiti tal-kompożizzjoni tal-portafoll u tad-diversifikazzjoni, ir-regoli dwar is-self ta' flus kontanti u regoli oħrajn tal-fondi u fir-rigward tar-rekwiżiti li jappartjenu għall-awtorizzazzjoni, għall-politiki ta' investiment u għall-kondizzjonijiet operattivi tal-fondi Ewropej tal-investiment fuq terminu twil ( <b>I-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

---

1. Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha<sup>1</sup>, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Marzu 2022<sup>2</sup>.
3. Fil-15 ta' Frar 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk jenħtieġ li jkun aċċettabbli għall-Kunsill<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> 14367/21 + ADD1-4.

<sup>2</sup> ĠU C 290, 29.7.2022, p. 64.

<sup>3</sup> 6291/23.

4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE- CONS 69/22, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---